31995R0839

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 839/95
tal-10 ta' April 1995
li jemenda l-lista tal-pajjiżi msemmija f'Anness I mar-Regolament (KE) Nru 519/94

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 113 dwar dan,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 519/94 tas-7 ta' Marzu 1994 dwar r-regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċertu pajjiżi terzi [1], japplika *inter alia*, għall-importazzjonijiet li joriġinaw fl-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja;

Billi l-Komunità iffirmat Patti ta' Ftehim għal Kummerċ Ħieles ma' l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja, li barra minn hekk imbarkaw fuq programm ta' riforma ekonomika fuq skala kbira bil-għan li jassiguraw it-transizzjoni tagħhom lejn kull suq ekonomiku;

Billi provedimment għandu isir għalhekk sabiex dawn il-pajjiżi jitneħħew mill-iskop tar-Regolament (KE) Nru 519/94 b'effett mid-dħul fis-seħħ ta' dawn il-Patti ta' Ftehim imsemmija,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja għandhom jitneħħew minn Anness I mar-Regolament (KE) Nru 519/94.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Patti tal-Ftehim għal Kummerċ Ħieles konklużi rispettivament bejn il-pajjiżi li għalihom saret referenza fl-Artikolu 1 u l-Komunità.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli f' kull Stat Membru.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-10 t'April 1995.

Għall-Kunsill

Il-President

A. JUPPÉ

[1] ĠU L 67, ta' l-10.3.1994, p. 89.